**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 20-15

**Data:** 16 ta' Lulju 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana - Kunsilliera
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier

Michela Zammit- Ambaxxatriċi giet skuzata minhabba ragunijiet personali

# MINUTI

## TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

## 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ġunju 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana.

3. **<u>Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 19.15);</u>**

3.1 Punt 5.3 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-każ ta' l-impjegata tal- Kunsill wara li is-Seg. Eżek. bgħatet id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex ir-rikjesta li tibqa taħdem wara l-irtirar tagħha tiġi mgħoddija skond il-liġi biex tiġi approvata.

Is-Sindku qalet illi mill- informazzjoni li nkisbet s'issa din mhux rikjesta li ser tgħaddi faċilment minħabba regolamenti stipulati minn Pahro fuq dawn il-każi. Il-Kunsill ser ikun qed jgħamel l-aħjar li jista biex ngħinu lil Ms.De Giovanni tibqa taħdem mal-Kunsill għal ġid ta' kulħadd.

3.2 Punt 5.8 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi din l-attivita' ser ikollha tinħadem fuq budget ħafna aktar baxx minħabba in-nuqqas ta' sponsors li hija ġabet.

Din l-attivita' ser tkun qed tiġi 'mtella mill-Kunsill ma baned barranin fosthom mill-Ġermanja u l-Italja fit-12 ta' Settembru 2015 fix-Xatt tal-Kalkara.

Is-Sindku appellat lill- Kunsilliera kollha biex jgħinu b'mod volontarju biex tittella din l-attivita' waqt u saħansitra qabel ma seħħ.

3.3 Punt 6.2 b mill-minuti preċedent : Is-Sindku infurmat lill-Kunsill fuq it-tranġar tat-taraġ ġewwa Triq Santa Filumena fuq suġġeriment tas-Sinjura Sultana illi dan huwa meqjus bħala proġett kapitali illi il-Kunsill f'dan il-mument ma jiflaħx għal dawn l-ispejjeż.

Il-Kunsill ser jinnota il-punti / suġġerimenti li l-kuntrattur tal-Kunsill stess tagħna biex jinħolqu 'gutters' ix-Xatt fil-proġett kapitali li ser isir ġewwa ix-Xatt stess biex b'hekk meta jiġi l-waqt li isir dan it-taraġ ikun hemm diġa bażi ta' xogħol lest u l-ispiża tiġi irħas fuq dan it- taraġ.

Dawn l-istess 'gutters' iridu jiġu ikkomunikati ukoll minn Triq is-Sienja

3.4 Punt 6.3 mill-minuti preċedenti: il-Kunsilll ser ikun qiegħed iġib approvazzjoni minn TM biex jinħolqu żewġ parkeġġi oħra fi Triq Sptar Navali kif ukoll titbaxxa il bankina biex karozza titla komda u jitwaħħlu 'U bars' fil-passaġġ għal użu tar-residenti.

## 4. Korrispondenza:

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' 'Zebra Cross fl-inħawi ta' Triq il-Kapuċċini, fil-viċinanzi tal-Knisja.

Il-Kunsilliera kollha qablu mas-suġġeriment tas-Sur Pawlu Bongailas illi iż-'Zebra Cross' għandha tiġi implementata aktar viċin il-Mużew eżattament fejn diġa hemm 'Traffic Calmer' minħabba il-fatt illi l-post issuġerit minn TM mhuwiex wieħed tajjeb fuq is-sitwazzjoni ta' dawk l-inħawi.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba ta' resident biex in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara tiġi mibdula f'parkeġġi biss għar-residenti.

Din it-talba qiegħda tiġi miżmuma sakemm tinġieb informazzjoni mis-Seg.Eżek. Fuq jekk il-parkeġġi restritti għal residenti biss humiex legali.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar żewġ talbiet differenti mingħand residenti biex jiġu implementati 'Traffic Calmers' fi Triq Rinella kif ukoll fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

Il-Kunsill oġġezzjona għal dawn it-talbiet minħabba il-fatt illi 'Traffic Calmers' mhumiex is-soluzzjoni għal sewqan eċċessiv f'dawn iż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq l-iktar fi Triq Rinella fejn diġa hemm ħafna ilmenti minn għand residenti ta' l-inħawi biex jiġu imneħħija minħabba l-istorbju li jisimgħu minn darhom meta karozza tgħaddi minn fuqhom.

4.4 Fuq talba tar-residenti ta' l-inħawi tal-'Married Quarters' il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiżdiedu is-sinjali mat-Triq kif ukoll żebgħa ma' l-art minħabba il-periklu li hemm f' din l-area għan nies li jgħaddu bil mixi

4.5 Is-Sindku ippreżentat ritratti kif ukoll sketch ta Triq il-Balklori wara illi resident ilmenta fuq il- parkeġġar ħażin ta' ħafna nies li jipparkjaw fuq id-'Double yellow line' li diġa implementat.

Dawn il-karozzi ipparkjati ħażin qed joħolqu inkonvenjent / periklu lil sewwieqa li ġejjin kemm minn naħa ta' Triq is-Sibi kif ukoll li deħlin minn Triq il-Missjoni Taljana.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tinġieb kwotazzjoni għal warden ġewwa il-lokal biex din it-triq tiġi inkluża fost toroq oħra li qed isiru l-istess abbużi.

Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu is-suġġerimenti tagħhom ta' liema toroq huma l-iktar ta' bżonn li warden ikun preżenti f'ċertu ħinijiet partikolari.

4.6 Il-Kunsill kollu qabel unanimamnet illi għandu jiġi imsejjaħ is-Sur Lawrence Zammit il-kuntrattur preċedenti fuq dawl tat-toroq wara li bgħat ittra lill-Kunsilliera kollha personalizzata li turi dispjaċir kif ukoll insinwazzjonijiet fuq kif hu m'għadux il- kuntrattur tal-Kunsill Lokali Kalkara.

Din il-laqgħa ser tkun qed tiġi issuġerita għax xahar ta' Lulju stess

## 5.Komunikazjoni tas-Sindku

5.1 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill dwar suġġeriment ta' resident ġewwa Triq il-Kappuccini biex issir 'Traffic Calmer' minħabba li l-karozzi qegħdin jgħaddu b'sewqan eċċessiv. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba raġunijiet varji .

Fuq nota oħra dwar l-istess Triq u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Pawlu Bongailas għandhom jitwaħħlu 2 mirja f'dawn l-inħawi biex b'hekk is–sewwieqa ikunu aktar komdi jaraw biex joħorġu.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi bħal kull sena il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb jipprepara l-avviżi dwar l-injection ta' l-influwenza għan nies tal lokalita'. Dawn l-avviżi jiġu ippublikati il-Parroċċa , fuq il-paġna tal-'Facebook' kif ukoll fuq in-'Notice Boards' tal- Kunsill. Għandhom jinħarġu ukoll 'leaflets' ta' informazzjoni fuq din l-injezzjoni f'kull residenza.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ħarġa li ser tkun qed tiġi organizzata minna f'isem il-Kunsill għal familja kollha ġewwa Għawdex aktar tard fix xahar ta' Settembru 2015.

5.4 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar żewġ korsijiet li ser ikunu qegħdin jiġu organizzati f'isem il-Kunsill Lokali dwar is-suġġetti imsemmija hawn taħt:

- Line Dancing Classes li ser ikunu qegħdin jibdew f'Settembru 2015 ġewwa l-iskola Primarja.
- Aroma Therapy – li ser ikun qed jibda f'Ottubru 2015 ġewwa iċ-Ċentru Parrokjali tal-Kalkara

Ser ikunu qegħdin jinħarġu il-Posters ta' informazzjoni dwar dawn il-korsijiet bħas soltu aktar tard fix-xahar ta' Awwissu għal informazzjoni tar-residenti.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 ***<u>Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti</u>***

**a.** Is-Sur Chris Bruno talab lill Kunsill biex isiru ir-refreshing tal-linji sofor ġewwa Triq il-Kapuċċini, il-biċċa fejn tinżel għax-Xatt.
**b.** Is-Sur Chris Bruno talab li titwaħħal mera fi Triq il-Missjoni Taljana faċċata ta' Triq il-Luqqata minħabba id-diffikulta li qed ikollhom sewwieqa biex joħorġu minn din it-Triq stess.
**c.** Is-Sur Bruno informa lill Kunsill dwar konversazzjoni informali li kellu maċ-Chairman tal-MCST, Is-Sur Jeffrey Pullicino Orlando rigward possibilita li issir ATM ġewwa il-Pjazza li ser tkun tagħmel parti mill-Proġett Esplora fil-futur qarib. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jibgħat ittra formali b'din ir-rikjesta / suġġeriment.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. terġa tibgħat email formali li kienet intbgħatet lil Transport Malta biex Triq Rinella (naħa tal-Bajja) tiġi waħda 'One Way' minħabba l-ammont ta' ilmenti li qed tirċievi fuq il-periklu għan nies li jgħadu minn din l-istess Triq bil-mixi

6.3 ***Kunsillier Is-Sur Pawlu Bongailas***

Is-Sur Bongailas saħaq illi lejn l-aħħar ta' Awwissu hemm bżonn li issir laqgħa informali mal-Kunsill kollu biex jiġu finalizzati l-affarijiet għal Jum il-Kalkara 2015. Tajjeb li kull Kunsillier jiġi bis-suġġerimenti tiegħu biex b'hekk l-'upgrade' ta' din l-attivita' ma jkolliex problemi waqt li tiġi implementata aktar tard din is-sena.

***6.4 Kunsillier Is-Sinjur Vince Bongailas***

Is-Sur Bongailas informa lill Kunsill b'inizjattiva li ħa hu personali biex jinħoloq taraġ minn Triq Marina li jitla għal Triq Sptar Navali għal konvenjenza tar-residenti ta' dawn l-inħawi. Huwa ukoll qal illi issuġerixxa lill-Gvern Ċentrali (li ser ikun qed jgħamel dan il-proġett) illi jekk hu possibli li jinħoloq aċċess ukoll għal nies li jgħamlu użu minn siġġu tar-roti.
Is-Sur Bongailas ikkonferma illi il-proponiment ta' dan il- proġett ġie milqugħ u qiegħed jiġi imfassal mill- Gvern Ċentrali.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **Speranza Chircop** | **Elaine Caruana** |
| **Sindku** | **Seg.Eżek.** |